

# Minn Novembru għas-Sajf

## *Tagħrif miġbur mill-ktieb 'Santa Katarina – Il-Festa u s-Soċjetà Mużikali Tagħha fiż-Żurrieq'*

Anthony Bonnici - President Onorarju

B'ħajr lill-awturi tal-ktieb ' Santa Katarina – Il-Festa u s-Soċjetà Mużikali Tagħha fiż-Żurrieq', is-Sinjuri Anthony Mangion u Karmenu Zerafa, ser inwasslilkom tagħrif ta' ġrajja li tikkonċerna l-festa ta' Santa Katarina, li propju sittin sena ilu ġiet iċċelebrata għall-aħħar darba f'Novembru.

Sas-sena 1955 il-festa ta' Santa Katarina dejjem saret fil-ġurnata propja, voldiri fil-25 ta' Novembru taħbat meta taħbat il-ġurnata. Dak inhar kien ikun jum kmandat għall-parroċċa kollha, u jekk kien jinzerta l-Ġimg]a, l-obligu tal-astinenza ma kienx ikun jgħodd għall-poplu tar-raħal li jkun qiegħed jiċċelebra l-festa. Iżda l-festa fix-xitwa minkejja t-tradizzjonijiet kbar u storiċi li kellha ma setgħetx tibqa' tiġi ċelebrata aktar fil-periklu tal-maltemp. Ġieli ġew festi meta l-puċissjoni kienet iddur ir-raħal f'ħakka t'għajn imbagħad tibqa' titnikker għal siegħat sħaħ fil-pjazza, biex malli tibda nieżla x-xita tidħol malajr fil-knisja. Il-jum tal-25 ta' Novembru ġieli sebaħ b'maltemp kbir imdendel. Niftakar fi tfuliti l-knisja ppakkjata bin-nies għall-quddiesa u f'daqqa waħda x-xita tibda tfaqqa' mat-twieqi tal-koppla, u fuq kull wiċċ kont taqra d-diżappunt tal-poplu. Laħaq kien hemm snin meta hi u ħierġa Santa Katarina, kienu jibdew jarmaw id-drapp tal-Ark u tal-pjazza u kif tgħaddi l-vara jkunu pronti jżarmaw kollox. Naturalment il-maltemp kien jikkawża wkoll il-ħsarat tiegħu, il-ħmieġ fil-knisja l-iktar meta l-art kienet għadha tinkesa bir-rand u iktar u iktar il-ħsara lill-armar ta' barra, kolonni, statwi u drapp li niftakru għasra jerħi u jċarċar l-ilwien mal-ilma tax-xita u mal-wied ta' taħt il-bankini.

Irħula oħrajn f'Malta, li kienu jiċċelebraw il-festa fl-istess ċirkustanzi, kienu allura qegħdin jitolbu t-trasferiment tal-festi tagħhom għall-jiem tas-sajf, u l-istess ħaġa bdiet ukoll tinħass fiż-Żurrieq. Biex il-problema tkompli ssir aktar pressanti, dik il-ħabra fl-1954 kienu bdew il-preparaenti biex jinħadem il-planċier artistiku li għadu jsebbaħ il-pjazza taż-Żurrieq fil-ġranet tal-festa, u li kien ġie inawgurat nhar il-Ħadd 26 ta' Awwissu 1956 mill-Gvernatur Sir Robert Laycock, fil-presenza ta' l-Arċisqof Gonzi u poplu bla għadd. Opra ta' artiġġjanat bħal ma' kien il-planċier ma setgħatx żgur tinħareġ fix-xitwa. U dan kompla ħeġġeġ il-poplu favur it-trasferiment tal-festa għall-ġranet tas-sajf. Ta' min isemmi hawnhekk illi dak inhartal-inawgurazzjoni tal-planċier, fost ir-rigali mogħtija lil mistiednin buġija tal-fidda li s-Soċjetà Mużikali Santa Katarina kienet irregalat lill-Arċisqof Gonzi. L-Arċisqof kien xtaq li wara mewtu din il-buġija, ma' xi fided oħra, tingħata lill-Mużew tal-Katidral tal-Imdina, fehn għadha esebita sa llum.

F'Novembru tal-1954, 'l fuq minn erbgħin Soċju tal-każin nižžlu isimhom fuq talba li tressqet lill-Kumitat tal-istess każin biex dan isejjaħ sedura ġenerali biex tiddiskuti

t-trasferiment tal-festa. Is-seduta ġenerali tlaqqgħet bhar il-5 ta' Diċembru 1954 fl-10.30 ta' filgħodu, fil-preżenza ta' 'l fuq minn 130 soċu. Saru allura diskorsi minn Salvu Saliba u Carmelo Grixti, imbagħad b'votazzjoni ta' 126 favur u 4 kontra, goe approvata din ir-risoluzzjoni:

*'Il-Kumitat f'seduta ġenerali li saret fil-5 ta' Diċembru. 1954 jitlob lill-President tal-Kumitat tal-Festa ta' Santa Katarina biex isiru diskussjonijiet għal bdil tal-ġurnata tal-Festa ta' Santa Katarina mill-ġurnata tagħha tal-25 ta' Novembru, għall-ġurnata fejn aktar tkun żgur.'*



*L-Arċipriet Dun Salvatore Gauci li mexxa l-Parroċċa taż-Żurrieq bejn l-1945 - 1960*

Fuq din ir-risoluzzjoni, il-Kumitat tal-festa taħt il-presidenza tal-Arċipriet Gauci beda trattattivi mal-Arċisqof Gonzi li baqgħu sal-aħħar miżmuma sigrieti, bla ħadd ma kien jaf x'sr jiġi deċiż. Barra minn hekk, il-festa tal-1955 li ħabtet il-Gomgħa, ġiet ċelebrata f'maltemp kbir. Kienet l-aħħar sena li l-festa saret bil-kbir f'Novembru u kienui mexxewha l-Komunita tad- Dumnikani tal-Belt taħt il-Provinċjal Patri Esmond L.Klimeck li mexxa t-translazzjoni, primi u sekondri vespri u l-pontifikal sollenni. It-tridu kien ippriedkah Patri Pawl Pisani tal-Konventwali u fit-tlett ijiem tat-tridu kien iffunzjona Dun Nard Mallia, Dun Ġużepp Portelli u Dun Mikiel D'Amato. Din ma kienetx pero l-ewwel darbali d-Dumnikani ħadu sehem fil-festa titulari, għax ġa fl-1916 il-komunita' tal-Belt Valletta kienet iffunzjonat fil-festa ta' dik is-sena.

F'lejlet il-festa, ġara li nfetħu bwieb is-sema. Ħadna għadhom jiftakru l-marċ ta'filgħodu nieżel f'xita qliel, bil-banda ddoqq, kulħadd għasra u n-nies ħafjin biż-żraben f'idejhom ġol-widien tal-ilma. Inzerta li fil-għaxija, ma' tmien il-primi vespri, kellu wkoll jitla l-Arċisqof biex jagħti l-Barka Sagramentali, u bosta kienu dawk li espremew ruħhom mal-Arċisqof biex jikkonċedi t-ttrasferiment. L-Arċisqof Gonzi, kif soltu, twassal minn għand l-Arċipriet sal-knisja Arċipretali proċessjonalment mill-kleru tar-raħal. Dak il-ħin ukoll kienet ix-xita rxiex u kien hemm sekulari fuq il-bankina faċċata tas-sagretija li bdew jgħajtu 'Fis-sajf, fis-sajf'. Id-deċiżjoni baqget, kif għidna sigrieta sal-aħħar, u ġiet imxandra mill-Arċipriet Gauci waqt il-ħruġ tal-istatwa fil-festa tal-1956. Dik is-sena l-fetsa esterna, l-aħħar waħda tax-xitwa, ma saritx bil-kbir għaliex il-poplu kien qed jistenna li mis-sena li kien imiss il-festa tkun ċelebrata fis-sajf. Tant inżammet sigrieta d-deċiżjoni, illi l-istess membri tal-Kumitat tal-festa ġew informati mill-Arċipriet Gauci ftit ħin biss qabel ħareġ fuq l-altar ikellem lin-nies. L-awtorita' kienet ikkonċediet għall-wieħed mill-ħdud ta' Ġunju, u l-ewwel festa li saret hekk keinet dik ta' nahr il-Ħadd 2 ta' Ġunju 1957 li għaliha kien reġa' tela l-Arċisqof Mons. Gonzi biex imexxi t-translazzjoni tar-Relikwija.

Il-festa baqgħet tiġi ċelebrata f'Ġunju mill-1957 sal-1973. Iżda fl-1963, minħabba

l-mewt tal-Papa Ġwanni XXIII, li ġrat propju fit-3 ta' Ġunju, il-festa kellha tiġi trasferita u ċċelebrata minflok fis-7 ta' Lulju. L-aħħar festa f'Ġunju kienet dik tal-1973, għaliex mis-sena ta' wara fuq xewqa tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina, il-festa bdiet tiġi ċelebrata fl-ewwel ħadd ta' Setembru. Iżda l-Knisja taż-Żurrieq ma nsiet qatt il-jum tal-25 ta' Novembru u kull sena dan għadu jiġi ċċelebrat bl-għosrien u b'quddiesa kanata bil-paneġierku u bi translazzjoni u reposizzjoni tar-relikwija tal-Qaddisin.



*Fis-sena 1955 Mons. Arċisqof Gonzi approva li l-festa ta' Santa Katarina tibda ssir fis-sajf*

L-istorja miktuba turina li l-festa ta' Santa Katarina ġiet trasferita' għas-sajf minħabba l-maltemp ta' Novembru fuq talba taż-Żrieraq. Illum ma nistgħux ngħidu li dan iċ-ċaqlieq fid-data ġab miegħu xi stabilita' kbira għax f'diversi snin, speċjalment kemm il-festa ilha tiġi ċċelebrata f'Settembru, esperjenzajna wkoll mumenti diffiċli. Mingħajr ma' mmur wisq il-bogħod, insemmi l-akbar maltempata li qatt esperjenajna fil-festa ta' Santa Katarina. Kulħadd għadu jiftakar x'ġara fil-festa tas-sena 2012, meta kif l-istatwa ta' Santa Katarina ħarġet fuq iz-zuntier qam maltemp kbir u litteralment ħarbat kollox. Kienet bi grazzja kbira li l-istatwa ta' Santa Katarina ddaħlet ġewwa l-knisja mingħajr danni, iżda minbarra d-dwejjaq kbar li ġarrab il-poplu taż-Żurrieq dak inhar minħabba li l-festa tħarbtet totalment, il-ħerba u l-ħsarat li ġarrab l-armar tal-festa kien wieħed kbir ħafna.

Bħal qisu l-festa ta' Santa Katarina, tiġi meta tiġi, dejjem iċċaqlaq il-maltemp, tant li llum kulħadd jaqbel li Santa Katarina hija stilla tal-maltemp.


**Wasalt biex tiżżewweġ?**

Jekk tixtieq li l-Kor Parrokkjali 'Cantate Domino' janima l-Quddiesa tat-Tieġ tagħkom

ikkuntatja lil

**Mro Paul Portelli** F.L.C.M

Tel: 2164 7641 - 9929 5259

**Il-Kor Parrokkjali 'Cantate Domino'**

Joffri s-servizzi tiegħu anki waqt il-Quddiesa tal-Funerali.

Għalhekk min ikollu bżonn dan is-servizz għandu jikkuntatja lil

**Mro Paul Portelli** F.L.C.M.

Tel: 2164 7641 - 9929 5259